TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 157/19/F

**Stephen Pace**

**vs**

**Solar Engineering Ltd.**

Illum, 31 ta' Jannar, 2020

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Novembru, 2019 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mitt Ewro (€500), rappreżentanti prezz ta' airconditioners illi kienet marret il-motherboard tal-kumpressur.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta,

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara diversi airconditioners mingħand id-ditta ntimata u rriżulta li dawn l-airconditioners kienu difettużi. Minkejja li bidlulu l-motherboard tal-kumpressur ta' żewġ airconditioners, jirriżulta li żewġ airconditioners oħra ġralhom l-istess ħsara u din il-motherboard tiswa mitejn Ewro (€200) u kif ukoll ħamsin Ewro (€50) sabiex tittranġa. Għalhekk ir-rikorrenti qed jitlob danni ta' ħames mitt Ewro (€500).

It-Tribunal, jinnota li r-rikorrenti ġab ix-xhieda fuq dawk l-airconditioners li kienu difettużi u fuq l-oħrajn ma tantx ġab xi prova.

It-Tribunal, jinnota li l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti mitejn u ħamsin Ewro (€250), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**